# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum l-10 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 83 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Agostino CAMILLERI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-19 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Agostino CAMILLERI, karta tal-identità bin-numru 114857M li ġie mixli, in suċċint, talli nhar it-12 ta' Jannar 2017 ġewwa dawn il-Gżejjer mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jeżegwixxi obbligazzjoni

tkun li tkun jew fixkel lil Mario Fabri fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor. Ġie mixli wkoll li mingħajr ħsieb li jagħmel reat, daħal fil-fond għalqa bl-isem ta' Mimi jew Ta' Ħanut is-Sbieh liema fond hu proprjeta ta' Mario Fabri, u daħal f'dan il-fond wara li ġie mwissi minn Mario Fabri li m'għandux jidħol jew daħal bil-moħbi tiegħu jew b'xi skuża falza jew b'qerq ieħor.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ddikjarat li semgħet il-provi, rat l-artikoli 85(1) u 339(o) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati skont l-akkuża u kkundannatu għal multa komplessiva ta' mitt euro.

3. Illi minn din is-sentenza Agostino CAMILLERI interpona appell permezz ta' rikors datat 1 ta' Marzu 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha, in linea preliminari, li tannulla u tħassar is-sentenza appellata u li tirrimetti lura l-atti tal-kawża lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid jew alternattivament tirrevoka u tħassar l-istess sentenza appellata u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u ħtija.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell il-partijiet qablu li l-mod kif żvolġew il-fatti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienu skont

kif spjegati fil-paragrafi 1, 2 u 3 tar-rikors tal-appell. Dawn jgħidu hekk :

> Din il-kawża kienet appuntata għas-smigħ għat-18 ta' Settembru 2017 fid-9am. Dakinhar deher il-kwerelant Mario Fabri li talab differiment minħabba li l-avukat tiegħu Dr. Martin Testaferrata ma setax jattendi, u xtaq li jkun assistit. L-esponent, li dakinhar kien assistit mill-avukat Dr. Phyllis Aquilina, irrimetta ruħu u l-Qorti laqgħet it-talba u ddifferiet is-smiegħ għall-jum tat-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fid-9am.
>
> Fil-jum tat-Tnejn 19 ta' Frar 2018 fid-9am, l-esponent deher fil-ħin indikat quddiem il-Qorti. Deher ukoll il-kwerelant assistit mill-avukat tiegħu Dr. Martin Testaferrata. L-esponent għarraf lill-Qorti li l-avukat tiegħu kienet Dr. Phyllis Aquilina li dak il-ħin ma kienetx fl-Awla. Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani talab li s-smigħ jiġi pospost għall-ġin tal-10:30am u l-Qorti laqgħet it-talba.
>
> Fil-frattemp, l-esponent tkellem mal-avukat tiegħu Dr. Phyllis Aquilina, li dehret aktar minn darba fl-Awla fejn kien qed jippresjedi l-Maġistrat li kellu jisma' din il-kawża. Min-naħa tagħha, Dr. Phyllis Aquilina tkellmet ma' Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u talbitu sabiex il-kawża tissejjaħ qabel il-ħin indikat minn fl-10:30am, billi f'dak il-ħin kellha kawża bil-provi, pero dan irrifjuta għaliex qal li l-kwerelant f'dak il-ħin ma kienx fil-bini tal-Qorti. Dr. Phyllis Aquilina għalhekk talbet lil Dr. Martin Testaferrata sabiex jistenniha tispiċċa mill-kawża l-oħra li kellha tinstema' fl-istess ħin f'awla oħra, qabel isejjah din il-kawża.

5. Il-partijiet pero ma jaqblux dwar dak li seħħ minn hawn il-quddiem, għajr ħlief li l-Qorti verament kompliet bil-kawża u ppronunzjat is-sentenza tagħha, fl-assenza tal-Avukat Aquilina.

6. Illi din il-Qorti daret l-atti u l-verbali tas-seduti. B'mod partikolari dak tas-seduta tad-19 ta' Frar 2018 jgħid hekk :

> Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat
> Deher il-parte civile Mario Fabri assistit min Dr Martin Testaferrata Gera.
> Xehed bil-gurament Mario Fabri u presenta Dok MF1 sa MF3
> Xehed bil-gurament Stephen Spiteri
> Xehed bil-gurament Agostino Camilleri
> L-imputat gie mwissi mill-Qorti li ghandu dritt li ma jixhidtx izda l-imputat ghazel li jidher xorta.

> Il-Qorti sejhet il-kawza fid-9am izda l-Avukat tal-imputat ma dherx u il-kawza giet differita ghal 10.30am. meta regghet issejhet il-kawza l-Avukat tal-imputat xorta ma dehritx. Il-Qorti ghalhekk ser jkompli xorta.
>
> Kawza giet deciza.

7. F'dan il-kwadru probatorju din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant ried li jkun assistit mill-avukat matul il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tant li dik il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tivverbalizza li fid-09:00 l-Avukat tal-imputat appellant ma kienx deher. Minħabba f'hekk dik il-Qorti korrettement ipposponiet l-udjenza għall-10:30. Minkejja dan l-Avukat tal-appellant ma deheritx f'dak il-ħin. Il-Qorti imbagħad għażlet li tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-kawża anke fl-assenza tal-Avukat tal-appellant. Ma jirriżultax li f'xi ħin l-appellant irrinunzja għall-assistenza legali f'dawn il-proċeduri.

8. Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Bernard Grech*** deċiża nhar it-23 ta' Settembru 1998 din il-Qorti diversament presjeduta kienet iddeċidiet li meta imputat ikun qiegħed jitlob, **<u>anke impliċitament,</u>** li jkun assistit minn avukat, il-Qorti għandha tipproċedi bil-mod kif imsemmi fl-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu jgħid li **<u>hu dmir</u>** tal-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati; u ma jkunx meħtieġ li jinħatru kuraturi għal imputati jew akkużati li ma jkunux tal-età. Il-Qorti iddeċidiet li fid-dawl ta' dak dispost f'dan l-artikolu hija kellha d-dmir li tipprovdi għad-difiża ġusta tal-imputat billi :

> tipposponi (mhux tiddifferixxi) għal ftit ħin sakemm l-imputat isib lill-avukat tiegħu jew jinkariga avukat ieħor, jew f'każ li ma jirnexxilux jinkariga avukat ieħor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjeż pubbliċi. Kieku l-Qorti għamlet xi waħda minn dawn l-affarijiet, kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawża – li wara kollox hi waħda

sommarja – dik il-ġurnata stess, wara li, naturalment, tagħti żmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali ġdid sabiex ikellem lill-imputat u jiġi debitament istruwit minnu dwar il-kawża. Fil-każ in diżamina l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn minn dan u minflok għaddiet minnufih biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jiġi li fi stadju kruċjali tal-kawża, u preċiżament meta l-imputat kellu jagħżel jixhedx jew le, hu talab għal assitenza legali u din ġiet miċħuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michelina Apap**). Dan kien nuqqas serju li neċessarjament iwassal għall-annullament ta' l-ewwel sentenza. U biex din il-Qorti ma tipprivax lill-partijiet u speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami, ser tiibgħat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa tinstema' mill-ġdid.

9. Dan ifisser li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tassigura li meta imputat jew akkużat ikun talab, jew mill-atti jirriżulta, li dan ikun assistit minn avukat, dik l-assistenza **<u>għandha</u>** tiġi provduta lilu. Issa huwa minnu wkoll li fil-prattika quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, minħabba l-volum qawwi ta' kawżi li dawn il-Qrati jħabtu wiċċhom magħhom ta' kuljum, il-ftit avukati li jipprattikaw quddiem dawn il-Qrati jkunu kostretti li jiġru minn awla għal oħra minħabba li jkollhom aktar minn kawża waħda li tkun qed tissejjaħ fl-istess ħin. Huwa minnu wkoll pero li l-Qrati għandhom id-dmir li jamministraw il-Ġustizzja u jaraw li l-andament tal-proċeduri quddiemhom ma jitwalux inutliment minħabba li l-Avukati jibqgħu ma jitfaċċjawx minħabba li jkunu impenjati quddiem qrati oħra.

10. Fil-każ de quo, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati għarfet li l-imputat appellant kien assistit minn avukat tant li ħasset il-ħtieġa li tipposponi l-kawża sal-10:30 biex din titfaċċa. S'hemmhekk dik il-Qorti imxiet korrettement u kelma b'kelma ma dak deċiż fl-appell kriminali ***Grech.*** Biss meta fl-10:30 din l-Avukat ma tfaċċatx, dik il-Qorti ma setgħetx imbagħad tkompli għaddejja bis-smiegħ tal-

kawża qabel ma tassigura li l-imputat appellant kien debitament assistit minn avukat. Dik il-Qorti kellha d-dmir li tara li :

(a) l-imputat isib lill-avukat tiegħu; jew

(b) jinkariga avukat ieħor, jew

(c) f'każ li ma jirnexxilux jinkariga avukat ieħor, tinnominalu hi avukat jew prokuratur legali a spejjeż pubbliċi (Avukat għal Għajnuna Legali).

11. Il-Qorti tal-Maġistrati f'dan il-każ wetqet biss l-ewwel wieħed minn dawn it-tliet stadji li huma intiżi bħala salvagwardja tad-dritt tal-assistenza tal-avukat matul il-kors ta' proċess kriminali. Kieku l-Qorti tal-Maġistrati segwiet il-kumplament tal-istadji prefissi fi ***Grech*** imbagħad kien ikollha kull dritt li tkompli b'dil-kawża sommarja dik il-ġurnata stess, wara li, naturalment, tagħti żmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali ġdid sabiex ikellem lill-imputat appellant u jiġi debitament istruwit minnu dwar il-kawża. Fil-każ in diżamina il-Qorti tal-Maġistrati ma għamletx dan u minflok għażlet biex tkompli tisma' l-provi u tgħaddi għas-sentenza.

12. Jirriżulta li fl-aktar stadju kruċjali tal-kawża, u ċjoe meta l-imputat kellu jagħżel jixhedx jew le, hu ġie mistoqsi jekk riedx jixhed u ġie mwissi mill-Qorti li kellu dritt li ma jixhedx. Iżda dan seħħ fl-assenza tal-avukat tal-imputat appellant; u dan fl-assenza tal-Avukat tiegħu, għażel li jixhed xorta waħda. Il-fatt li l-imputat appellant għażel li jixhed ma jfissirx li huwa għamel dan għax ma riedx li jkun assistit minn avukat. Id-dritt tar-rappreżentanza legali

għandu eżistenza awtonoma mid-dritt tal-imputat li jixhed fi proċeduri penali kontra tiegħu. Il-fatt li imputat jew akkużat jagħżel li jixhed fi proċeduri penali fl-assenza tal-avukat tiegħu -u meta dan ikollu avukat jew juri x-xewqa li jkun assistit mill-avukat- ma jġibx miegħu ir-rinunzja awtomatika ta' dak id-dritt in kwantu l-ħtieġa ta' assistenza legali fi proċeduri penali mhix ristretta biss għall-fatt li imputat jew akkużat jagħżel li jixhed fi proċeduri penali. Iżda n-nuqqas tal-assistenza legali (meta din tkun mitluba, jew ġja eżerċitata u mhux rinunzjata, iżda mhux provduta) fi stadju kruċjali fejn l-imputat jiġi biex jieħu d-deċiżjoni jekk jixhedx fil-kawża kriminali kontra tiegħu, iġġib magħha konsegwenzi serji fuq id-dritt ta' smiegħ xieraq fi proċeduri kriminali. Dan kien nuqqas serju li neċessarjament iwassal għall-annullament tas-sentenza.

## *Deċide*

Għaldaqstant, biex din il-Qorti ma tipprivax lill-partijiet, u speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami, għall-motivi premessi, tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u konsegwentement tannulla u tħassar is-sentenza appellata, tibgħat lura l-atti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u wara li tisma' l-provi mill-ġdid, dik il-Qorti tiddeċiedi fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Agostino CAMILLERI skont il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***